SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-wieħed u ħamsin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar l-Ħamis 19 ta' Mejju 2011 fn-12:00 nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:*

John Mercieca<br>
Joseph Sultana<br>
Luigia Grima

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**<u>3.0 Korrispondenza</u>**

3.1 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward il-Group Health Insurance u dwar l-opportunita' li dawk irregistrati taħt din l-iskema jistghu jzidu magħhom id-dipendenti tagħhom. Is-Segretarja nfurmat lill-kunsilliera b'din l-opportunita' u lil dawk interessati biex jgħaddulna l-applikazzjoni sal-20 ta' Mejju 2011.

3.2 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Ministeru għal Għawdex rigward panel li tindika "country walk' . Il-Kunsill qabel li għandna nipprocedu fuqha billi ngħidu li naqblu mal-ordni tagħha u fl-istess ħin ninfurmawhom bl-installazzjoni ta' Interactive Panel li ser ninstallaw dalwaqt fil-pjazza in konnessjoni mal-proġett tar-restawr tal-knisja.

3.3 Ġiet trattata wkoll ittra mingħand l-Arkivji Nazzjonali rigward il-pubblikazzjoni ta' kartolini dwar l-armi tal-lokalitajiet, nkluz l-arma' ta' San Lawrenz. Il-Kunsill mitlub jgħaddi l-kontribuzzjoni ta' €65. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħħeb mal-lokalitajiet l-oħra Għawdxin f'din it-tifkira.

## 4.0 Wara t-testing tal-RFSC.

4.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellhom mar-rapprezentanta tal-Unjoni Ewropea fit-taqsima tal-RFSC flimkien ma' uffiċjal mill-MEPA u oħra mill-MTA. Is-Sindku rrefera għal din iz-zjara ta' testing fuq is-sostenibilita' tal-lokal ta' San Lawrenz bħala waħda posittiva ħafna u li matulha ġew diskussi diversi teknikalitajiet u mizuri li bihom jista jkejjel u jevalwa s-sostenibilita'. Id-delegazzjoni ttieħdet ukoll għand il-familja Cauchi minn San Lawrenz biex jesperjenzaw l-istil ta' ħajja taghna l-Lawrenzjani. Is-Sindku rrefera għal din iz-zjara bhala waħda sodisfaċenti u pozittiva ħafna.

## 5.0 Tibdil fil-bozoz tal-Belvedere.

5.1 Is-Sindku rrefera għall-ittra li kienet intbgħatet lis-Sur Michael Nolle u għat-tweġiba tiegħu. Fl-ittra tiegħu, huwa ssugerixxa li d-dwal tal-Belvedere jinbidlu f'lampi **ta' Type BR0211 b' E27 thread, compact reflector R63/11 Watts warm light (2700K), u hu offra li** lest li jhallas ghalihom huwa stess.

5.2 Il-Kunsill qabel li għalissa għandu jibdel it-tliet bozoz tal-fanal ta' qrib ir-residenza tiegħu u eventwalment nibdluhom ilkoll.

## 6.0 Ħruġ ta' offerti ta' culverts u affarijiet oħra li ma humiex fil-proġett tal-EU tal-pjazza

6.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-pjazza u għal fatt li fih mhemmx inkluz ix-xogħol ta' culverts peress li dan ma kienx eliġibbli għall-fondi taħt il-proġett EAFRD. Għalhekk huwa propona li f'dan ir-rigward għandna noħorgu offerti għat-tqattigħ ta' culverts biex jiġi kkonnetjat il-water culvert ta' Triq id-Duluri mal-ġibjun ezistenti li hemm fil-pjazza. Culvert ieħor għandu jsir minn ħdejn ir-residenza ta' Ganni Grima sad-dar tal-kapillan u li jitqabbad mal-culvert ezistenti fi Triq San Lawrenz. Sar qbil ukoll li nagħmlu culvert li fih ninkludu katusa sabiex jgħaddu l-wires tal-armar tal-festa minn taħt l-art għal taħt il-pedestal u l-palk.

6.2 Il-Kunsill qabel li għandu jinkariga lill-istess Perit tal-proġett tal-Pjazza, l-Perit Edward Scerri sabiex jipprepara l-offerti ta' dan ix-xogħol u noħorġuhom għall-pubbliku. Sar qbil li dan il-proġett għandu jiġi ffinanzjat mill-Kunsill.

## 7.0 Road Markings fi Triq Ċangura, Duluri, Pjazza u l-Wileġ.

7.1 Gie ssugerit li ghandhom jinzebghu l-parking areas fi Triq il-Wileg, Triq id-Duluri, Triq Cangura u l-Pjazza.

7.2 Sar qbil ukoll li f’dan ir-rigward għandna nikkuntatjaw lil-Transport Malta sabiex jipprovdulna pjan ta’ parking spaces u wkoll zebgħa ta’ double yellow lines fit-toroq tal-qalba tar-raħal li huma Triq id-Duluri, Triq Ċangura u Triq il-Wileġ.

**8.0 Ħarġa tal-Anzjani**

8.1 Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jorganizza ħarġa oħra għall-anzjani. Ġie deċiz li l-ħarġa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 27 ta’ Mejju 2011.

**9.0 Proposta oħra għall-progett taht l-iskema Eko-Għawdex**

9.1 Saret referenza għaz-zewġ proposti li l-Kunsill ressaq taħt dan il-proġett. Is-Sindku ssuġerixxa li bħala proġett ideali għal taħt din l-iskema jkun ta’ underground bring-in-sites fil-plots HOS f’parking bay faċċata tal-monument Dun Guzepp Cauchi. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal dan il-proġett u li għandna ninkluduha fl-avviz li jmiss.

**10.0 Il-Proġett PANACEA**

10.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett PANACEA u għall-fatt li fih jinkludi l-post ta’ Ċentru Informattiv. Huwa propona li f’dan ir-rigward ikun għaqli ukoll jekk nipproponu li jsir l-uzu tal-Information Centre li nbena fid-Dwejra u nuzaw il-fondi allokati f’dan il-proġett bħala attrezzar tiegħu f’dik li hija għamara u apparat. Is-Sindku semma li għaddejja konsultazzjoni mal-MEPA fuq dan ir-rigward.

**11.0 Kanċellazzjoni tal-Youth Exchange tal-Ingilterra**

11.1 Is-Sindku rrefera għall-email mibgħuta minn Trevor Pilton fejn esprima d-dizappunt tiegħu li l-Youth Exchange li kienet pjanata li ssir fi Glaramara ma ġietx aċċettata mill-aġenzija Ingliza u b’hekk kellhom għal din is-sena jirtiraw il-proġett. Il-Kunsill wera d-dizappunt tiegħu u ġie deċiz li għandna ninfurmaw lil dawk iz-zgħazagħ li kienu wrew interess f’dan l-iskambju biex noffrulhom sabiex jekk iridu jistgħu jiġu trasferiti għall-iskambju li ser isir fil-Ġermanja f’Lulju wkoll.

**12.0 Korsijiet Lifelong learning**

12.1 Ġiet trattata l-Memo minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward il-Lifelong Learning. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi fuq il-kors tat-Taljan u dak tal-Energy Saving.

12.2 Sar qbil ukoll li l-Kunsill għandu jistħarreġ sabiex jiġi organizzat kors tal-computer mat-TCTC.

12.3 Il-Vici Sindku Anthony Formosa reġġħa fakkar sabiex jiġi organizzat kors ghas-sajjieda dilettanti.

## 13.0 Mozzjoni

13.1 Mozzjoni mressqa mill-kunsillier John Mercieca li tgħid hekk:
"Xi erba' snin ilu ressaqt mozzjoni għall-istess biċċa xogħol bil-firem tas-sidien tal-għelieqi jew min jaħdem l-għelieqifl-inħawi tal-passaġġ fi Triq il-Wileġ magħruf bħala "Il-hitba taz-zugu'. Dakinhar ntqal lili li l-Kunsill ma kienx f'pozizzjoni finanzjarja tajba. Minn dakinhar 'l hawn saru ħafna tentattivi minn diversi nies biex il-passaġġ jsir mqar mic-CMTU imma għal xi raġuni nbeda u waqaf ix-xoghol. Issa għadda z-zmien u l-Kunsill akkwista ħafna fondi speċjalment mill-Unjoni Ewropea, għalhekk nitlob biex għall-inqas jsir il-parti ta' fuq tiegħu kemm jista jkun malajr.

13.2 Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-kunsillier Joe Sultana.

13.3 Waqt il-laqgħa ġie kkuntatjat is-Sur Anthony Debono tas-CMTU u dan ikkonferma li ser jagħmluh minn naħa tagħhom. Sar qbil ukoll li ma dan ix-xoghol għandu jiġi nkluz passġġ zgħir li ilu jirreferi għalih il-Viċi Sindku Anthony Formosa. Il-Kunsillier John Mercieca talab sabiex jekk ix-xogħol ma jsirx mis-CMTU fi zmien xahar, talab sabiex isir mill-fondi tal-Kunsill.

13.4 Sar qbil li jekk dan ma jsirx għandna nerġghu niddiskutu s-sitwazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 14.0 Materji oħra

14.1 Il-Kunsill irrefera għat-taħrika għall-qorti li rcevew il-membri kollha tal-Kunsill sabiex nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju 2011, il-Kunsill Lokali San Lawrenz huwa mixli bħala kompliċi fi frodi konness mall-applikazzjoni tal-MRA tal-pannelli solari. Il-Kunsill wera d-dispjaċir li proġett ambizzjuz bħal dak kellu jasal għal dawn il-konkluzzjonijiet. F'dan l-istadju l-Kunsill iddeċieda li għandu jqabbad avukat tajjeb li jaħdem f'dan il-qasam. Peress li z-zmien huwa limitat, il-Kunsill ma għandux zmien biex joħroġ sejħa għal avukat. Għalhekk ġie deċiz li nqabbdu lil Dr. Joe Giglio bl-assistenza ta' Dr Anton Refalo u nitolbuhom appuntament immedjat.

14.2.1 Sar qbil li għandna ninfurmaw lil Wasteserve sabiex jergghu jpoġġu l-bring-in sites f'posthom.

Il-laqgħa ntemmet fis-13:30.

| | |
|---|---|
| Noel Formosa | Lucienne Haber |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |